**26 ta' Ottubru, 1959**

**Imhallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

**Nobbli Frances Mary Chesney Sciberras D'Amico**

*versus*

**Onor. Edgar Cuschieri ne.**

## Fewdo — Deswetudini — Dekadenza.

*Id-deswetudini hija mod ta' abrogazzjoni tac̄ta tal-liġi, konsistenti fin-non-osservanza tal-istess liġi.*

*Ghalkemm tipprevali l-opinjoni li d-deswetudini ma ghandhiex din il-forza abrogatorja, ma tistax tinghata deswetudini, anki jekk kellha din il-forza abrogatorja, meta l-awtorità publika tirrikonoxxi li l-liġi ghadha in vigore. U f'materja ta' fewdi, l-istituzzjoni taghhom tinsab rikonoxxuta mhux biss mit-tribunali, imma anki mill-awtorità amministrattiva.*

*Jekk mbghad, f'kawża fejn tiġi m'tluba dikjarazzjoni li fond huwa suġġett ghal fewdu, tinghata l-eċċezzjoni illi l-fewdo spiċċa fix-xejn, ghax ma ġewx soddisfatti l-elementi tieghu, jiġifieri s-servizz militari u l-investitura, din l-eċċezzjoni ma*

*tistax tiġi eżaminata fil-kawża; għax din l-eċċezzjoni timporta dekadenza mill-fewdo, u dan il-punt ma jidħolx fil-l-miti tad-domanda.*

*Barra minn dan, fid-dekadenza jistgħu jkollhom interess persuni oħra talvolta vokati fil-fewdo, li ma humiex rappreżentati fil-kawża.*

*Ukoll, id-dekadenza hija piena, u ma tiġix applikata "ipso jure", imma fuq proċedura appożita mill-persuna li tinvoka dik il-piena.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 1955, li fiha jinsabu miġjuba d-domandi tal-attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, u li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, u l-ispejjeż ġew riżervati; u li biha ġie ordnat li jiġi msejjaħ fil-kawża l-Baruni Alexander Jan D'Amico Inguanez;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tagħha tal-ewwel ta' Frar 1957, li biha ġie deċiż u dikjarat illi l-Att. XII tal-1950 jolqot il-proprjetà suġġetta għall-vinkolu ta' fedekommess, u mhux il-proprjetà posseduta b'titolu fewdali, bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ġunju 1957, li biha ġiet konfermata s-sentenza ta' din il-Qorti tal-ewwel ta' Frar 1957, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellant;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut fil-meritu ma ta oriġinarjament ebda eċċezzjoni speċifika; biss issottometta li huwa jistenna qabel xejn il-provi u s-sottomissjonijiet tal-attriċi (fol. 7);

Illi għal dan il-fini l-Qorti, b'digriet tal-15 ta' Ġunju 1957, innominat perit legali biex jirrelata jekk il-fond "de

quo" huwiex jew le ta' natura fewdali, u dak il-perit, fir-relazzjoni tiegħu, issottometta illi dak il-fond jifforma parti mit-territorju fewdali "ta' Dar il-Bniet", u għalhekk huwa wkoll ta' natura fewdali;

Illi l-attriċi, fin-nota tagħha fol. 130, aċċettat il-konklużjoni tal-perit, mentri l-konvenut, fin-nota tiegħu fol. 125. ikkontesta dik il-konklużjoni, u ssottometta (1) illi l-istitut tal-fewdo waqa' in deswetudini; (2) illi, jekk l-istitut għadu in vigore u baqgħu jseħħu l-elementi li jikkostitwuh, ladarba minn xi żmien l'hawn il-fewdo "ta' Dar il-Bniet" ma ssodisfax dawk l-elementi jew wieħed minnhom, huwa spiċċa fix-xejn; (3) u subordinatament, illi l-identità tal-art esproprjata ma' parti tat-territorju ta' "Dar il-Bniet" mhix pruvata;

Illi kwantu għall-ewwel punt, ta' min josserva li d-deswetudini hija mod ta' abrogazzjoni taċita tal-liġi, konsistenti fin-non-osservanza tal-istess liġi. F'dan ir-rigward tipprevali l-opinjoni li tinnega lid-deswetudini din il-forza abrogatorja (Digesto Italiano, Abrogazione delle Leggi, §83); u anki fil-każ li għandha din il-forza, jeħtieġ li jiġi stabbilit, kif josserva Duranton, "il non uso nella generalità dello Stato per cui la legge è stata fatta" (Diritto Civile, Vol. I, §108). Għalhekk ma tistax tingħata d-deswetudini meta l-awtorità publika tirrikonoxxi li dik il-liġi tkun għada in vigore (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Italiano, Disposizioni Preliminari, art. 5, §§101 u 102). Issa, apparti li l-konvenut ma ppruvax bl-ebda mod l-allegata deswetudini, l-istituzzjoni tal-fewdi tinsab rikonoxxuta mhux biss mit-tribunali (ara nota tal-attriċi fol. 50, kif ukoll sentenza fil-Kollezzjoni, Vol XV, paġ. 281 fejn a paġ. 286, col. 2da. in fine, jissemma il-fewdo "ta' Dar il-Bniet"), iżda anki mill-awtorità amministrattiva, rappreżentata mill-konvenut, fil-kawża tal-esproprjazzjoni riferita mill-perit legali a fol. 120, fejn it-territorju "ta' Dar il-Bniet" ġie deskritt bħala suġġett għal fewdo ("entailed fief"). Konsegwentement, l-invokata deswetudini mhix sostenibbli;

Illi, fit-tieni lok, il-konvenut issottometta illi xi elementi tal-fewdo in kwistjoni, jiġifieri l-prestazzjoni tas-servizz

militari u l-investitura. ma ġewx soddisfatti, u għalhekk il-fewdo spiċċa fix-xejn. Hawn ta' min josserva li sostanzjalment il-konvenut qiegħed jinvoka d-dekadenza mill-fewdo; u għalhekk jeħtieġ jiġi eżaminat jekk dan jistax isir fil-kawża odjerna. Ma hemmx dubju illi l-kwistjoni nvoluta fil-kawża hija dik espressa fid-domanda, kif limitata u ċirkoskritta, u huwa evidenti li l-punt tad-dekadenza mill-fewdo ma jidħolx fil-limiti ta' dik id-domanda. Di pjù, f'din id-dekadenza jista' jkollhom interess persuni oħra, talvolta vokati fil-fewdo, li mhumiex rappreżentati fil-kawża. Barra minn dan, id-dekadenza hija piena, u ma tiġix applikata "ipso jure", imma fuq proċedura appożita mill-persuna li tinvoka dik il-piena;

Difatti, id-dekadenza ġġib magħha l-konfiska, li, kif jgħid Pothier, "non si fa 'ipso jure', perchè è una pena, e le pene non si devono infliggere senza cognizione di causa; il feudo servente adunque...... non è di pieno diritto acquisito al signore: a causa di quella egli non acquista che un'azione — 'condictionem ex lege' — per domandare che il feudo siagli aggiudicato......; egli non ne acquista la proprietà che per mezzo della sentenza ...... Questa azione, avendo per iscopo la riparazione di una ingiuria...... ha in sè della natura dell'azione d'inguria. e perciò 'dissimulatione aboletur'. se apparisce che il signore abbia perdonato al sua vassallo l'ingiuria. Ne segue che si estingue morendo il signore prima che sia stata intentata, perchè per sua natura l'azione d'ingiuria 'neque haeredi neque in haeredem datur'. a meno che non sia stata intentata" (Trattato dei Feudi, Opere Vol. II. paġ. 518. 525. 538 u 539). Ta' min josserva, mbgħad. illi, stante n-natura konvenzionali tal-konċessjoni fewdali, ix-xoljiment tal-fewdi jista' isib ostakolu fl-inadempjenza tal-istess konċedent (Dig. Ital Feudo §4); u dan il-fatt ikompli jsaħħaħ innećessità ta' azzjoni separata "ad hoc";

Illi, "rebus sic stantibus", il-Qorti mhix sejra f'din il-kawża teżamina l-kwistjoni tad-dekadenza sollevata mill-

konvenut, salva lill-istess konvenut kwalunkwe azzjoni jekk u skond il-liġi;

Illi, dwar l-identità tal-fond, il-Qorti hija soddisfatta li dan jifforma parti mit-territorju fewdali "ta' Dar il-Bniet", kif ikkwalifikah l-istess konvenut fir-rikors tal-esproprjazzjoni relattiva;

Għal dawn il-motivi;

Prevja adozzjoni tal-perizja ġudizzjarja;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-eċċezzjoni tal-konvenut fol. 16, billi ġiet rinunzjata;

Tilqa' t-talbiet tal-attriċi;

L-ispejjeż, kompriżi dawk riżervati fid-deċiżjoni tagħha tat-30 ta' Ġunju 1955, jitħallsu mill-konvenut nomine.